



Il-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Unjoni Ewropea

Il-ħin tax-xogħol u l-intensità tax-xogħol

Sommarju eżekuttiv

Introduzzjoni

Ir-raba' *Stħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol (EWCS)*, imwettaq fl-2005 mill-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol u tal-Għajxien (Eurofound), jindirizza temi li għandhom post għoli fuq l-aġenda politika tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea. L-għan ġenerali tal-EWCS huwa li jipprovi ħarsa ġenerali lejn l-istat tal-kundizzjonijiet tax-xogħol madwar l-Ewropa, u indikazzjoni tal-firxa u t-tip ta' bidliet li jaffettwaw il-forza tax-xogħol u l-kwalità tax-xogħol. Wara l-istħarriġ tal-2005, l-Eurofound wettaq aktar analiżi fil-fond tas-sejbiet tiegħu dwar temi ewlenin relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-UE.

Waħda mit-temi esplorati kienet tal-ħin tax-xogħol u l-intensità tax-xogħol u l-implikazzjonijiet għas-soċjetà u s-suq tax-xogħol b'mod ġenerali. Ir-riċerka ħarset lejn in-natura tal-intensità tax-xogħol u kif din tista' titkejjel. Is-sejbiet urew li hemm rabta b'saħħitha bejn l-intensità tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, kemm fiżiċi kif ukoll psikoloġiċi.

Il-kuntest politiku

Il-kwistjoni tal-ħin tax-xogħol ilha kwistjoni rikorrenti fil-politika tax-xogħol tal-UE għal ħafna snin, u tkompli tkun kontroversjali f'termini tar-reviżjonijiet proposti għad-Direttiva 2003/88/KE li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, magħrufa bħala d-direttiva tal-ħin tax-xogħol. F'Diċembru 2008, il-Parlament Ewropew irrifjuta li japprova l-pożizzjoni komuni fuq din id-direttiva, li l-Istati Membri kienu laħqu qbil dwarha f'Ġunju 2008 wara diversi snin ta' falliment fin-negozjati.

Ta' spiss jiġi sostnut li l-globalizzazzjoni u l-oġettivi tal-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku fl-istrateġija ta' Liżbona għadu żieda fl-intensità tax-xogħol. Naturalment, l-intensifikazzjoni tax-xogħol saret ukoll kwistjoni ta' dibattitu. Fid-disgħinijiet, l-EWCS ipprova evidenza

b'saħħitha ta' żieda fl-intensità tax-xogħol madwar l-UE u hemm sinjal żgħir ta' livelli aktar baxxi ta' intensità jew intensifikazzjoni saħansitra aktar bil-mod fil-bidu tal-millennju l-ġdid. Livelli oġhla tal-intensità tax-xogħol jistgħu jdgħajfu s-sostenibbiltà tax-xogħol u jmorru kontra l-aspirazzjonijiet tal-politika tal-UE lejn kwalità tax-xogħol oġhla u rata għolja fl-impjegi. It-tnaqqis fl-intensità tax-xogħol għal gruppi speċjali għandu jgħin biex tinkiseb il-mira tal-Linja Gwida Nru. 18 dwar l-impjegi fl-UE: 'Appoġġ għal anzjanità attiva, inkluż kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa, stejtus imtejjeb fis-saħħa fuq il-post tax-xogħol u inċentivi adegwati għax-xogħol u skoraġġiment tal-irtirar kmieni'.

Ir-riċerka preċedenti għamlet enfasi fuq modi ta' tnaqqis tal-impatti ta' intensità għolja, bħal żieda fl-awtonomija u appoġġ soċjali fuq il-post tax-xogħol.

Sejbiet ewlenin

L-intensità tax-xogħol

Studji u partijiet interessati differenti għandhom it-tendenza li jiddefinixxu l-intensità tax-xogħol b'modi differenti. Madankollu, xi sejbiet huma konsistenti u ma jiddependux fuq il-mod speċifiku kif titkejjel l-intensità. Huma jissuġġerixxu li intensità tax-xogħol għolja għandha prezz għoli f'dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Hemm rabta qawwija bejn l-intensità tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fiżiċi u psikoloġiċi ħżiena.

Madankollu, in-nies li kapaċi jlaħħqu ma' intensità ta' xogħol għolja x'aktarx li jkunu tejbu l-aspettattivi tal-karriera tagħhom. Xi ħaddiema jistgħu saħansitra jesperjenzaw xogħol intensiv bħala interessanti jew li jagħtihom sodisfazzjon. Min-naħa l-oħra, xogħol b'pass mgħaġġel mhuwiex sostenibbli fit-tul u l-livelli tal-kwalifiki jistgħu jbatu minħabba li l-ħaddiema ma jkunux jistgħu jieħdu opportunitajiet ta' taħriġ.

Jidher li l-intensifikazzjoni ma tinvolvi proporzjon dejjem jikber ta' nies li jaħdmu iebes il-ħin kollu;

minflok; jidher li huwa l-każ li xi organizzazzjonijiet kumplessi u instabbli jkunu jirrikjedu xogħol intensiv għal mill-inqas parti mill-ħin. Dawk l-organizzazzjonijiet li jirrikjedu xogħol intensiv ħafna (li konsegwentement jista' jkun perikoluż għal uħud mill-membri tagħhom, jekk mhux għal kollha) jistgħu jitqiesu bħala mhux ottimali. L-impatt tal-intensità tax-xogħol perċepita jiddependi fuq karatteristiċi oħrajn tax-xogħol, bħall-awtonomija tax-xogħol jew l-appoġġ soċjali, għalkemm intensità tax-xogħol għolja ħafna ma tistax tiġi kkontrobalanċjata għal kollox.

Ma jeżisti ebda xprunatur Ewropew ċar jew tendenza lejn intensità tax-xogħol aktar baxxa fl-Ewropa. L-intensità hija assoċjata ma' forom ġodda ta' organizzazzjoni, bl-użu ta' metodi ta' ġestjoni ġodda u informazzjoni u teknoloġiji tal-komunikazzjoni ġodda.

Il-ħin tax-xogħol

Ir-rapport juri li l-ħin tax-xogħol huwa relatat ħafna mas-sessi, il-pajjiż u l-impjeg. F'kull Stat Membru tal-UE, in-nisa jaħdmu inqas sigħat mill-irġiel; madankollu, din id-diskrepanza tvarja bil-kbir, b'disparità partikolarment kbira f'pajjiżi fejn ix-xogħol fuq bażi part-time huwa prevalenti ħafna fost in-nisa. Hemm ukoll differenzi konsiderevoli fir-rata tal-ħidma ta' sigħat twal bejn il-pajjiżi u bejn l-impjegji.

Il-varjabilità fl-awtonomija fuq is-sigħat tax-xogħol tvarja skont il-grupp okkupazzjonali. Il-ħidma ta' sigħat twal jew mhux soċjevoli tħalli impatt ta' ħsara fuq il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, u dan l-impatt jitnaqqas biss bi ftit permezz tal-awtonomija tal-ħin tax-xogħol. Kemm is-sigħat tax-xogħol twal kif ukoll ix-xogħol part-time jħallu effetti negattivi fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Ir-rapport jipprovi analiżi separata għall-persuni li jaħdmu għal rashom, li jirrapreżentaw 16% tal-forza tax-xogħol tal-UE25. Fi probabbiltà akbar, dawn mistennija li jaħdmu sigħat twal u mhux soċjevoli, iżda jkollhom ħin iqsar ta' ivvjaġġar għax-xogħol meta mqabbla mal-impjegati. B'mod ġenerali, il-persuni li jaħdmu għal rashom li jkollhom l-impjegati jesperjenzaw xogħol aktar intensiv mill-impjegati nfushom, filwaqt li l-persuni li jaħdmu għal rashom mingħajr impjegati jkollhom xogħol inqas intensiv.

L-istudju jibni Indiċi ta' Organizzazzjoni ta' Xogħol lebes u, billi jikkombinah ma' indiċi ta' organizzazzjoni ta' xogħol innovattiv, jiddefinixxi ħames gruppi ta' Stati Membri.

- Huwa neċessarju li jiġu żviluppatti strumenti xierqa għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-intensità tax-xogħol, tal-kwalità tax-xogħol u tal-produttività tal-organizzazzjonijiet fuq livell mikro.

- Is-sigħat tax-xogħol twal huma marbuta ma' kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena. Is-sejbiet juru li dan huwa partikolarment il-każ meta l-ħin tax-xogħol jaqbeż it-48 siegħa f'gimġha. Ħidma minn 45 sa 48 siegħa fil-gimġha hija wkoll relatata ma' kundizzjonijiet tax-xogħol problematiċi. Jeżistu varjazzjonijiet qawwija bejn l-Istati Membri, kemm f'dak li għandu x'jaqsam ma' sigħat tax-xogħol twal kif ukoll mad-diskrepanza bejn is-sessi f'dan ir-rigward. Dan jissuġġerixxi li l-kuntest legali, istituzzjonali u kulturali huwa importanti, u li huwa possibbli li jitnaqqas il-proporzjon tal-persuni li jaħdmu aktar milli jmisshom. It-teħid ta' pass bħal dan għandu jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u jipprovi aktar opportunitajiet indaqs bejn is-sessi.

- Il-promozzjoni tax-xogħol part-time mhijiex mezz b'saħħtu għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. Sigħat tax-xogħol qosra ħafna mhumiex assoċjati ma' kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin b'mod speċjali. Kollox ma' kollox, il-ħaddiema part-time jesperjenzaw kundizzjonijiet tax-xogħol psikoloġiċi ħżiena, integrazzjoni soċjoekonomika limitata u nuqqas kbir ta' opportunitajiet fil-karrieri tagħhom.

- Il-probabbiltà ta' inċidenti jew problemi ta' saħħa relatati max-xogħol hija kemmxejn aktar baxxa meta l-pass tax-xogħol ikun jiddependi fuq domanda esterna. F'organizzazzjonijiet moderni, ix-xogħol ta' ħafna mill-impjegati jiddependi fuq tali domanda. Fi stħarriġiet futuri tal-EWCS, għandu jkun utli li jiġu implimentati xi mistoqsijiet addizzjonali dwar dan is-suġġett.

- Il-potenzjal tal-EWCS biex jikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-iżvilupp ta' indikaturi utli, fil-kuntest tal-'metodu miftuħ ta' koordinazzjoni' tal-UE u l-Linji Gwida Integrati għat-Tkabbir u l-Impjegji, imur sostanzjalment lil hinn mill-kwistjoni tal-iżvilupp ta' indikaturi ta' xogħol iebes. Il-kwalità tax-xogħol u l-impjegji hija kwistjoni ċentrali fil-politika tal-impjegati tal-UE u eżerċizzju utli għall-ġejjieni għandu jkun li jiġu esplorati l-possibbiltajiet tal-iżvilupp ta' indiċi aktar ġenerali tal-kwalità tax-xogħol, li jkun jista' jintuża biex jingħata tagħrif dwar il-politika.

Indikaturi tal-politika

- Sabiex jiġu limitati l-konsegwenzi negattivi tal-intensità tax-xogħol, dawk l-organizzazzjonijiet li mhumiex iddisinjati tajjeb jew li jiffunzjonaw ħażin għandhom jiġu aġġornati u mtejba. Jista' jkun hemm bżonn ta' inċentivi li jfheggu lill-kumpaniji jadottaw l-aqwa prattiċi f'dan ir-rigward.

Għal aktar tagħrif

Ir-rapport dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Unjoni Ewropea: Il-ħin tax-xogħol u l-intensità tax-xogħol huwa disponibbli fuq: <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef0927.htm>. Id-dejta, ir-rapporti u l-analiżi sekondarja tas-Servejs Ewropej dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol huma disponibbli fuq il-websajt tal-Osservatorju Ewropew tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol fuq: <http://www.eurofound.europa.eu/ewco/surveys/>.

Sophia MacGoris, Uffiċjal ta' Kollegament tal-Infommazzjoni
smg@eurofound.europa.eu